MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 417/2006

Il-Pulizija
(Spettur C. Magri)
Vs

Omissis
Nafaa Ali Arbi Ossta

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Frar, 2006, ghall-habta tal-4.20 ta' wara nofsinhar, fi Triq il-Grazzja, B'Kara :
1) ikkommetta serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Maria Cauchi minn B'Kara li kien fih LM1,700 fi flus kontanti, dokumenti w apparat cellulari tal-marka "Samsung-SGH-T100", liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1,000);

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Maria Cauchi skond kif iccertifikaha t-tabib David Tanti MD mill-Iklin;
3) Omissis;
4) Talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Dicembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(b), 49 u 50 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati ta' serq aggravat bil-valur u li hu recidiv u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar, u lliberatu mill-akkuzi l-ohra

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1,000) bl-addebitu tar-recidiva u fejn sabitu mhux hati tal-imputazzjoniet l-ohra lilu addebitati, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant li kollha jirrigwardaw il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, huma s-segwenti w cioe' li l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva u l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda konsiderazzjoni lejn il-fatt illi l-appellant kien irritorna r-*res furtiva*, ma tatx konsiderazzjoni ghall-ko-operazzjoni tal-appellant mall-Pulizija Esekuttiva b' mod tali li bl-intervent u l-kooperazzjoni tieghu dan ir-reat gie solvut u li ma kien hemm ebda impediment legali sabiex l-Ewwel Qorti tapplika fil-konfront tal-appellant id-dispozizzjonijiet tal-Kap.446 .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Li dan hu appell limitat ghall-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.)

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-art. 279(b) r-reat minnu kommess ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira kien igib piena ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa seba' snin. Umbaghad, una volta li hu instab hati ukoll tar-recidiva, din il-piena setghet tizdied bi grad u cioe' minn minimu ta' tmintax il-xahar sa' massimu ta' disa' snin. Invece l-Ewwel Qorti applikat l-inqas piena possibbli ghar-reat minghajr ma zieditha bi grad minnhabba r-recidiva.

Illi ma jidhirx ghal din il-Qorti li l-piena kienet wahda eccessiva. L-appellant huwa recidiv fuq akkuza ta' danni volontarji li jeccedu il-Lm500 b' sentenza tal-10 ta' Dicembru, 2003. Il-Qorti dak-inhar ittrattat mieghu b' mod miti u applikatlu sanzjoni pekunjarja. Jidher li ma tantx tghallem minn din l-esperjenza w rega' kkommetta r-reat in meritu.

Illi l-Ewwel Qorti hadet konsiderazzjoni tal-fatt li hu rregistra ammissjoni bikrija, pero' dan mhux xi passaport ghall-immunita' mill-piena, partikolarment meta dak li jkun, ikun inqabad *"red handed"* kif inqabad l-appellant fil-pussess tal-mobile phone tad-derubuata li kien ghadhom kif serqu hu u siehbu kif ukoll fil-pussess ta' somma ta' Lm456. Jekk ir-*res furtiva* giet restitwita lis-sid, dan ma kienx ghax l-appellant hadilha lura minn rajh imma ghax inqabad biha fuqu , grazzi ghall-informazzjoni li rceviet il-Pulizija.

Illi bhala regola generali din il-Qorti tara li ma jkunx indikat li jigi applikat xi dispozittiv tal-Kap.446, kif qed jippretendi l-appellant, fil-kaz ta' persuna li tkun recidiva. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti l-istitut tal-probation, tal-liberazzjoni kondizzjonata jew provedimenti ohra li jistghu jinghataw skond il-kap.446 huma intizi biex jaghtu opportunita' lill-*"first time offenders"* li jirriformaw ruhomu mhux lir-recidivi. Din l-opportunita' gja nghatat lill-appellant kif fuq intqal, meta minnflok intbaghat il-habs ghal reat ta' danni volontarji, nghata piena ta' multa, minnflok dik ta' prigunerija li suppost inghatatlu skond il-ligi. Izda hu ma hatafx din l-opportunita'.

Umbaghad il-fatt li l-Ewwel Qorti ma tkunx semmiet espressament fis-sentenza appellata il-fatt li r-*res furtiva* giet restitwita lill-vittma tas-serqa w li seta' ta xi ko-operazzjoni lil-Pulizija - dejjem "*when the game was up"*- ma jfissirx li din il-Qorti trid bil-fors issarraf dan f' mitigazzjoni tal-piena meta din diga' giet erogata fl-inqas minimu possibbli taghha kif fuq intqal.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------